



## Is-serqa tal-għarusa tal-Mosta

*Is-Sur Charles B. Spiteri*

Għal din l-okkażjoni xtaqt inwassal informazzjoni li sibt u li tmur lura għall-1526. Tittratta l-Għarusa tal-Mosta.

Dik is-sena kienu ġew Malta t-Torok ta' Barbarija bil-kap tagħhom, il-famuż kursar rajjes Susan.

Dawn niżlu fil-Qala ta' Benwarrat. Għall-ħabta ta' billejl għaddew minn Wied il-Għasel u assaltaw il-Mosta. Qatlu lil kull min kien hemm kontra tagħhom u ħadu magħhom 400 ruħ bħala lsiera. Fosthom kien hemm ukoll għarusa bil-ħaddara – l-Għarusa tal-Mosta – li għadha tissemma sal-lum.

Il-fatt kien dan:
Din l-imsemmija għarusa tal-Mosta, kien jisimha Marianna, xbejba ta' ġmiel imprezzabbli li kienet għarusa ma' bin baruni, żagħżugħ ta' 22 sena, jismu Toni Manduca.

L-imħabba ta' dawn iż-żgħażagħ kienet l-għaxqa tal-Mostin kollha. U l-Ġurat Manduca, missier l-għarus u l-Ġurat Cumbo, missier l-għarusa kienu stabbilew it-tieġ ta' wliedhom għal Awwissu.

Ħamest ijiem qabel it-tieġ tant mixtieq, it-Torri fejn kienet tgħammar l-għarusa, kien ġa ppreparat b'tiżjin l-aktar kbir. Il-Mostin bl-imħatra bejniethom, kienu qegħdin iħejju r-rigali li għandhom jagħtu lill-għarajjes. Sa kienu lestew il-fjuri, ġellewż u qamħ biex jinxteħtu fuqhom.

F'dik il-lejla lejlet it-tieġ, sewwasew fis-sagħtejn ta' billejl, filwaqt li fit-torri tal-għarusa kulħadd kien imħejji għat-tieġ, instema' min iħabbat il-bieb ta' barra b'taħbita qawwija.

Wieħed mill-qaddejja qam, u wara li xiref minn amberżura u staqsa min hemm; dak li kien iħabbat, billi kien ilsir Tork jismu Ħaġġi Mulej, biex ikompli t-tir infami ta' moħħu, isserva b'isem l-għarus Toni Manduca, u dak niżel jiftaħlu.

Malli l-bieb tbexxaq, fit-torri daħlu bħal berqa daqs sittin Tork, sabbtu mal-art u qatlu mingaħjr ħniena lil min fetħilhom, daħħlu fi xkora lil omm l-għarusa, qatlu mingħajr ħniena lil salt mill-ħaddara u kissru u farrku kulma kien hemm ippreparat.

Filwaqt li kien qiegħed isir dan kollu, Ħaġġi Mulej dawwar maktur ma' ħalq Marianna u megħjun minn tnejn oħra, ħarbu biha u ħallew warajhom xena ta' qsim il-qalb.

Xejn ma serva l-għajjat tal-imsejken Cumbo u l-biki u t-talb ta' Marianna, għax dawk l-infami komplew sejrin. F'leħħa ta' berqa l-Mostin kollha qamu. Kulħadd ġera lejn it-torri tal-għarusa għall-ajjut bil-kelma 'vendetta' fuq xufftejhom, iżda kien tard, għax ikkonfondew liema triq għandhom jaqbdu biex minnha jilħquhom.

Wieħed mill-Mostin li kien ġej mill-bogħod għat-tieġ, wasal jilheġ u qalilhom li ltaqa' magħhom in-naħa tas-Salini. Marru b'ġirja għal hemm iżda ma laħqux ħaġ'oħra ħlief id-dehra tax-xambekk li kien ġa siefer lejn Tripli bl-imsejkna Marianna fuqu.

L-imnikket għarus Toni Manduca b'xejn ma seta' jistabar. Għalxejn bosta ħbieb tiegħu ma kinux iħalluh minuta waħdu; dejjem madwaru, isabbruh. Manduca kien ħsiebu biss kif għandu jerġa' jħaddan lill-maħbuba għarusa tiegħu.

Meta Toni Manduca għaraf permezz ta' wieħed saħħar li kien jgħammar il-Birgu fejn kienet Marianna, telaq direttament għal Tripli u deher hemm bħala neguzjant taħt kostum Għarbi.

L-imħabba li Toni Manduca kien ħabb lil Marianna, ġegħlitu jesponi ruħu hemm bħala xerrej tas-suf u bil-

manjieri ħelwa tiegħu għaraf kiseb simpatija kbira mit-Torok ta' hemm.

Iżda ħsieb Toni kien kollu f'Marianna.

Toni, meta kien ċert mil-lok li fih kienet magħluqa l-maħbuba tiegħu, ipprofitta ruħu minn festa kbira li ħabtet dawk il-ġranet u għanna għanja li għamlet malajr l-eku tagħha f'qalb Marianna.

F'liema gwerra spiritwali u biża' temporali sabet ruħha l-għarusa tal-Mosta fil-Ħarem ta' Sidi Alì.

L-ewwel ma għamel is-Sultan Tork, qabbad lil Maimena, biex jirnexxilu jwaqqa' lil Marianna fejn ried hu; iżda Marianna kellha l-għajnuna tas-sema jiddefendilha l-unur, li għalih Marianna kienet pronta tissagrifika ħajjitha.

Ix-xorti, mill-banda l-oħra kienet iffavoriet lil Toni, billi l-vuċi tiegħu kienet tant għoġbot lil bint is-sultan, li din talbet biex ikun imdaħħal ikanta fis-swali tas-sultan.

It-talba ta' Assena, kienet grazzja għal Toni, li permezz tagħha kien ħaddan lil Marianna.



*It-Torri Cumbo*

Marianna, fil-ħabs li kienet magħluqa, kienet akkwistat ħniena kbira minn Assena, bint is-sultan, li din, wara li semgħet l-istorja tagħha, wegħditha li mill-ġdid tagħtiha l-libertà, kif infatti bl-għajnuna tagħha sar, billi Marianna libset ta' Torka u ħarġet mill-ħabs akkumpanjata minn Toni, mingħajr ma l-għases ittendew bihom.

Kienu ġew lura Malta fuq bastiment Venezjan li kien sorġa s-Salini u dawn ġrew mill-ġdid fi ħdan l-imsejknin ġenituri tagħhom fejn wara ftit ġranet li għaddiet feliċi ma' niesha, Marianna mietet assistita minn Dun Ambroġ.


sphinx Pastizzeria
sphinx Pastizzeria
PASTIZZI - QASSATAT
TIMPANI - PIZZA - SAUSAGE
ROLLS - SPINACH PIES
MEATPIES - CHICKEN PIES
HAM & CHEESE
Rotunda Square, Mosta - Tel: 2742 0067
IL-MANAGAMENT JAWGURA L-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD

- Sheet Metal Works & Pressing
- Sheet Structure
- Profile Cutting
- Truck Restoration
- Steel Pipe Bending
- Rust Cutting

Ta' HASSU
Ruben: 9948 6455
Kevin: 9984 4304